# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 145

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

25 ta' April 2016

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2016/C 145/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . 1

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2016/C 145/02 Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-jiem ta' vaganza legali u l-vaganzi ġudizzjarji . . . 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2016/C 145/03 Kawża C-176/13 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Frar 2016 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Mellat, Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Politika estera u ta' sigurtà komuni — Ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Islamika tal-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' bank Iranjan — Obbligu ta' motivazzjoni — Proċedura ta' adozzjoni tal-att — Żball manifest ta' evalwazzjoni) . . . 4

2016/C 145/04 Kawża C-49/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Primera Instancia de Cartagena – Spanja) – Finanmadrid EFC SA vs Jesús Vicente Albán Zambrano, María Josefa García Zapata, Jorge Luis Albán Zambrano, Miriam Elisabeth Caicedo Merino (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti — Proċedura għal ordni ta' ħlas — Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata — Kompetenza tal-qorti nazzjonali tal-eżekuzzjoni sabiex tqajjem ex officio n-nullità tal-klawżola inġusta — Prinċipju ta' awtorità ta' res judicata — Prinċipju ta' effettività — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Protezzjoni ġudizzjarja) . . . 5

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 145/05 | Kawża C-179/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-23 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/123/KE — Artikoli 14 sa 16 — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' vawċers fiskalment vantaġġjużi mogħtija mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom u li jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' akkomodazzjoni, ta' ħin liberu u/jew ta' provvista tal-ikel — Restrizzjonijiet — Monopolju) | 5 |
| 2016/C 145/06 | Kawża C-292/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Symvoulio tis Epikrateias – Il-Greċja) – Elliniko Dimosio vs Stefanos Stroumpoulis *et* (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 80/987/KEE — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjegahom — Kamp ta' applikazzjoni — Krediti salarjali mhux imħallsa tal-baħħara li jaħdmu fuq bastiment li jtajjru bandiera ta' Stat terz — Persuna li timpjega li għandha s-sede tal-kumpannija tagħha f'dan l-Istat terz — Kuntratt ta' xogħol suġġett għad-dritt ta' dan l-istess Stat terz — Falliment tal-persuna li timpjega ddikjarat fi Stat Membru li fih hija għandha s-sede effettiva tagħha — Artikolu 1(2) — Punt II, A tal-Anness — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi garanzija tal-krediti salarjali mhux imħallsa tal-baħħara applikabbli biss fil-każ ta' abbandun tagħhom barra mill-pajjiż — Livell ta' protezzjoni mhux ekwivalenti għal dak previst mid-Direttiva 80/987) | 6 |
| 2016/C 145/07 | Kawża C-299/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen – il-Ġermanja) – Vestische Arbeit Jobcenter Kreis Recklinghausen vs Jovanna García-Nieto, Joel Pena Cuevas, Jovanlis Pena Garcia, Joel Luis Pena Cruz (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-persuni — Ċittadinanza tal-Unjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Direttiva 2004/38/KE — Artikolu 24(2) — Benefiċċji ta' assistenza soċjali — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikoli 4 u 70 — Benefiċċji speċjali li ma humiex kontributorji — Esklużjoni taċ-ċittadini ta' Stat Membru matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti) | 7 |
| 2016/C 145/08 | Kawża C-314/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – Il-Finlandja) – Sanoma Media Finland Oy – Nelonen Media vs Viestintävirasto (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2010/13/UE — Artikolu 19 (1) — Separazzjoni bejn ir-reklamar televiżiv u l-programmi — Diviżjoni tal-iskrin — Artikolu 23(1) u (2) — Limitu fiż-żmien ta' xandir ta' reklamar televiżiv għal 20 % għal kull siegħa tal-arloġġ — Avviżi sponsorizzati — Referenzi oħrajn għal sponsor — "Sekondi suwed") | 8 |
| 2016/C 145/09 | Kawża C-429/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas – il-Litwanja) – Air Baltic Corporation AS vs Lietuvos Respublikos specialiųjų tyrimų tarnyba Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Konvenzjoni ta' Montreal — Artikoli 19, 22 u 29 — Responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru fil-każ ta' dewmien fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri — Kuntratt ta' trasport konkluż mill-persuna li timpjega lill-passiġġieri — Dannu li jirriżulta minn dewmien — Dannu sostnut mill-persuna li timpjega | 9 |
| 2016/C 145/10 | Kawża C-446/14 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Frar 2016 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Għajnuna mill-Istat — Servizzi ta' rimi ta' karkassi tal-annimali u ta' skart tal-biċċeriji — Żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet f'każ ta' epiżutija — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Kumpens relattiv għall-obbligu ta' servizz pubbliku — Obbligu ta' motivazzjoni) | 9 |
| 2016/C 145/11 | Kawża C-454/14: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 1999/31/KE — Artikolu 14 — Rimi ta' skart f'landfill — Nuqqas ta' konformità tal-landfills eżistenti — Proċedura ta' għeluq u ta' ġestjoni wara għeluq) | 10 |

2016/C 145/12 Kawża C-22/15: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 132(1)(m) — Provvisti ta' servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Eżenzjoni tal-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sport nawtiku fil-kuntest ta' attivitajiet ta' navigazzjoni jew divertiment li ma jistgħux jitqiesu simili għall-isport jew għall-edukazzjoni fiżika — Benefiċċju ta' eżenzjoni limitat għall-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom — Esklużjoni — Punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133)) 11

2016/C 145/13 Kawża C-124/15: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Hamburg – Il-Ġermanja) – Salutas Pharma GmbH vs Hauptzollamt Hannover (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 3004 — Pilloli effervexxenti li għandhom 500 mg ta' kalċju — Livell ta' sustanza f'doża ta' kuljum irrakkomandata ogħla sewwa mill-konċessjoni ta' kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12

2016/C 145/14 Kawża C-143/15: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – G.E. Security BV vs Staatssecretaris van Financiën (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Klassifikazzjoni tal-merkanzija — Intestaturi 8517, 8521, 8531 u 8543 — Merkanzija msejħa "videomultiplexer") . . . . . . . . . . . . . . 12

2016/C 145/15 Kawża C-601/15 PPU: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi l-Baxxi) – J. N. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali — Direttiva 2008/115/KE — Soġġorn legali — Direttiva 2013/32/UE — Artikolu 9 — Dritt li wieħed jibqa' fi Stat Membru — Direttiva 2013/33/UE — Punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) — Detenzjoni — Protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku — Validità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 6 u 52 — Limitazzjoni — Proporzjonalità) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 13

2016/C 145/16 Kawża C-325/15: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy we Wrocławiu (il-Polonja) fl-1 ta' Lulju 2015 – Z.S., Z.M., M.P. vs X w G. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 13

2016/C 145/17 Kawża C-374/15 P: Appell ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2015 minn Harper Hygienics S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-363/12, Harper Hygienics vs UASI – Clinique Laboratories (CLEANIC natural beauty) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14

2016/C 145/18 Kawża C-16/16 P: Appell ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2016 mir-Renju tal-Belġju mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-27 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża T-721/14, Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14

2016/C 145/19 Kawża C-24/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-18 ta' Jannar 2016 – Nintendo Co. Ltd vs BigBen Interactive GmbH u BigBen Interactive SA . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15

2016/C 145/20 Kawża C-25/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-18 ta' Jannar 2016 – Nintendo Co. Ltd vs BigBen Interactive GmbH u BigBen Interactive SA . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16

2016/C 145/21 Kawża C-36/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-22 ta' Jannar 2016 – Minister Finansów vs Posnania Investment S.A. . . . . . . . . . . . . . . 17

| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 145/22 | Kawża C-37/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-22 ta' Jannar 2016 – Minister Finansów vs Stowarzyszenie Artystów Wykonawców Utworów Muzycznych i Słowno-Muzycznych SAWP, stabbilita f'Varsavja (SAWP) | 17 |
| 2016/C 145/23 | Kawża C-44/16 P: Appell ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 minn Dyson Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-11 ta' Novembru 2015 fil-Kawża T-544/13: Dyson Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea | 18 |
| 2016/C 145/24 | Kawża C-55/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fl-1 ta' Frar 2016 – Evo Bus GmbH vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Ploiești – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Argeș | 19 |
| 2016/C 145/25 | Kawża C-59/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-3 ta' Frar 2016 – The Shirtmakers BV vs Staatssecretaris van Financiën | 20 |
| 2016/C 145/26 | Kawża C-62/16: Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Rumanija | 20 |
| 2016/C 145/27 | Kawża C-74/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso Administrativo n° 4 de Madrid (Spanja) fl-10 ta' Frar 2016 – Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania vs Ayuntamiento de Getafe | 21 |
| 2016/C 145/28 | Kawża C-82/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Belġju) fit-12 ta' Frar 2016 – K. *et* vs L-Istat Belġjan | 21 |
| 2016/C 145/29 | Kawża C-90/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (ir-Renju Unit) fil-15 ta' Frar 2016 – The English Bridge Union Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs | 23 |
| 2016/C 145/30 | Kawża C-96/16: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n° 38 de Barcelona (Spanja) fis-17 ta' Frar 2016 – Banco Santander, S.A. vs Mahamadou Demba u Mercedes Godoy Bonet | 24 |
| 2016/C 145/31 | Kawża C-98/16: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika | 25 |
| 2016/C 145/32 | Kawża C-127/16 P: Appell ippreżentat fis-26 ta' Frar 2016 minn SNCF Mobilités (SNCF) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-17 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-242/12, SNCF vs Il-Kummissjoni | 25 |

**Il-Qorti Ġenerali**

| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 145/33 | Kawża T-53/15: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2016 – credentis vs UASI – Aldi Karlslunde (Curodont) ["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Curodont — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Eurodont — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"] | 27 |
| 2016/C 145/34 | Kawża T-160/15: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2016 – LG Developpement vs UASI – Bayerische Motoren Werke (MINICARGO) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva MINICARGO — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti MINI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009") | 27 |
| 2016/C 145/35 | Kawża T-681/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2016 – Colomer Italy vs UASI – Farmaca International (INTERCOSMO ESTRO) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") | 28 |

| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 145/36 | Kawża T-50/16: Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2016 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni | 29 |
| 2016/C 145/37 | Kawża T-53/16: Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2016 – Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni | 30 |
| 2016/C 145/38 | Kawża T-74/16: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – POA vs Il-Kummissjoni | 31 |
| 2016/C 145/39 | Kawża T-89/16 P: Appell ippreżentat fis-26 ta' Frar 2016 minn Nicole Clarke, Sigrid Dickmanns u Elisavet Papathanasiou mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-15 ta' Diċembru 2015 fil-Kawżi Magħquda F-101/14, F-102/14 u F-103/14, Clarke *et* vs EUIPO | 32 |
| 2016/C 145/40 | Kawża T-94/16: Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2016 – Sheridan vs Il-Parlament | 33 |
| 2016/C 145/41 | Kawża T-97/16: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Frar 2016 – Kasztantowicz vs EUIPO – Gbb Group (GEOTEK) | 33 |
| 2016/C 145/42 | Kawża T-98/16: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2016 – l-Italja vs Il-Kummissjoni | 34 |
| 2016/C 145/43 | Kawża T-101/16: Rikors ippreżentat fit 8 ta' Marzu 2016 – Klausner Holz Niedersachsen vs Il-Kummissjoni | 35 |
| | **It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku** | |
| 2016/C 145/44 | Kawża F-152/15: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – Kozak vs Il-Kummissjoni (Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/293/14 — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li l-kandidat ma jiġix ammess għall-eżamijiet fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni — Talba għal eżami mill-ġdid — Deċiżjoni ġdida tal-Bord tal-Għażla li tikkonferma l-ewwel deċiżjoni tiegħu — Komunikazzjoni mill-EPSO ta' risposta motivata — Att purament konfermattiv — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Inammissibbiltà manifesta — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura) | 37 |
| 2016/C 145/45 | Kawża F-5/16: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni | 37 |
| 2016/C 145/46 | Kawża F-6/16: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2016 – ZZ *et* vs SEAE | 38 |
| 2016/C 145/47 | Kawża F-7/16: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni | 38 |
| 2016/C 145/48 | Kawża F-8/16: Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2016 – ZZ vs EMA | 39 |
| 2016/C 145/49 | Kawża F-9/16: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – ZZ *et* vs Il-Parlament | 40 |
| 2016/C 145/50 | Kawża F-11/16: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni | 41 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

### L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2016/C 145/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 136, 18.4.2016

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 118, 4.4.2016

ĠU C 111, 29.3.2016

ĠU C 106, 21.3.2016

ĠU C 98, 14.3.2016

ĠU C 90, 7.3.2016

ĠU C 78, 29.2.2016

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

**tad-9 ta' Marzu 2016**

**dwar il-jiem ta' vaganza legali u l-vaganzi ġudizzjarji**

(2016/C 145/02)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

wara li rat l-Artikolu 24(2), (4) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura,

billi tqis li, skont din id-dispożizzjoni, hemm lok li tiġi stabbilita l-lista tal-jiem ta' vaganza legali u li jiġu ffissati d-dati tal-vaganzi ġudizzjarji,

TADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista tal-jiem ta' vaganza legali fis-sens tal-Artikolu 24(4) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura hija stabbilita kif ġej:

— l-1 ta' Jannar,

— it-Tnejn ta' wara l-Għid,

— l-1 ta' Mejju,

— l-Axxensjoni,

— it-Tnejn ta' wara Pentekoste,

— it-23 ta' Ġunju,

— il-15 ta' Awwissu,

— l-1 ta' Novembru,

— il-25 ta' Diċembru,

— is-26 ta' Diċembru.

*Artikolu 2*

Għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2016 u l-31 ta' Ottubru 2017, id-dati tal-vaganzi ġudizzjarji fis-sens tal-Artikolu 24 (2) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura huma stabbiliti kif ġej:

— Milied 2016: mit-Tnejn 19 ta' Diċembru 2016 sal-Ħadd 8 ta' Jannar 2017, biż-żewġ ġranet inklużi,

— Għid 2017: mit-Tnejn 10 ta' April 2017 sal-Ħadd 23 ta' April 2017, biż-żewġ ġranet inklużi,

— Sajf 2017: mill-Ġimgħa 21 ta' Lulju 2017 sal-Ħadd 3 ta' Settembru 2017, biż-żewġ ġranet inklużi.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Marzu 2016.

| *Ir-Reġistratur* | *Il-President* |
|---|---|
| A. CALOT ESCOBAR | K. LENAERTS |

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Frar 2016 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Mellat, Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-176/13 P)** ([1])

***(Appell — Politika estera u ta' sigurtà komuni — Ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Islamika tal-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' bank Iranjan — Obbligu ta' motivazzjoni — Proċedura ta' adozzjoni tal-att — Żball manifest ta' evalwazzjoni)***

(2016/C 145/03)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u M. Bishop, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Bank Mellat (rappreżentanti: M. Brindle, QC, R. Blakeley u V. Zaiwalla, barristers, kif ukoll Z. Burbeza, P. Reddy, S. Zaiwalla u F. Zaiwalla, solicitors), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci u M. Konstantinidis, aġenti)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tal-partijiet rikorrenti:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: L. Christie u S. Behzadi-Spencer, aġenti, assistiti minn S. Lee, barrister)

### Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Bank Mellat fiż-żewġ istanzi.*

3) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u Il-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom fiż-żewġ istanzi.*

([1]) ĠU C 171, 15.6.2013

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Primera Instancia de Cartagena – Spanja) – Finanmadrid EFC SA vs Jesús Vicente Albán Zambrano, María Josefa García Zapata, Jorge Luis Albán Zambrano, Miriam Elisabeth Caicedo Merino**

**(Kawża C-49/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti — Proċedura għal ordni ta' ħlas — Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata — Kompetenza tal-qorti nazzjonali tal-eżekuzzjoni sabiex tqajjem ex officio n-nullità tal-klawżola inġusta — Prinċipju ta' awtorità ta' res judicata — Prinċipju ta' effettività — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Protezzjoni ġudizzjarja)***

(2016/C 145/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Primera Instancia de Cartagena

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Finanmadrid EFC SA

*Konvenuti:* Jesús Vicente Albán Zambrano, María Josefa García Zapata, Jorge Luis Albán Zambrano, Miriam Elisabeth Caicedo Merino

**Dispożittiv**

*Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tippermettix lill-qorti li mitluba tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ħlas tevalwa ex officio n-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'kuntratt konkluż bejn persuna professjonista u konsumatur, meta l-awtorità li għandha quddiemha t-talba għal ordni ta' ħlas ma tkunx kompetenti biex tipproċedi b'tali evalwazzjoni.*

([1]) ĠU C 135 tal- 05.05.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-23 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija**

**(Kawża C-179/14)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/123/KE — Artikoli 14 sa 16 — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' vawċers fiskalment vantaġġjużi mogħtija mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom u li jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' akkomodazzjoni, ta' ħin liberu u/jew ta' provvista tal-ikel — Restrizzjonijiet — Monopolju)***

(2016/C 145/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Tokár u E. Montaguti, aġenti)

*Konvenuta:* L-Ungerija (rappreżentanti: M. Z. Fehér u G. Koós, agenti)

**Dispożittiv**

1) *Bl-introduzzjoni u ż-żamma fis-seħħ tas-sistema tal-kard għall-ħin liberu Széchenyi, prevista mid-digriet governattiv Nru 55/2011, tat-12 ta' April 2011, li jirregola l-ħruġ u l-użu tal-kard għall-ħin liberu Széchenyi, u emendat mil-Liġi Nru CLVI, tal-21 ta' Novembru 2011, li jemenda ċerti liġijiet fiskali u atti relatati, l-Ungerija kisret id-Direttiva 2006/123/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern, sa fejn:*

— *l-Artikolu 13 tal-imsemmi digriet governattiv, moqri flimkien mal-Artikolu 2(2)(d) tal-Liġi Nru XCVI tal-1993 dwar il-fondi ta' assigurazzjoni mutwa volontarja, mal-Artikolu 2(b) tal-Liġi Nru CXXXII tal-1997 dwar il-fergħat u l-aġenziji kummerċjali tal-impriżi li għandhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż, kif ukoll mal-Artikoli 1, 2(1) u (2), 55(1) u (3), u 64(1) tal-Liġi Nru IV tal-2006 dwar il-kumpanniji kummerċjali, jeskludi l-possibbiltà li fergħat ta' impriżi joħorġu l-kard għall-ħin liberu Széchenyi u, għalhekk, jikser il-punt 3 tal-Artikolu 14 ta' din id-direttiva;*

— *l-imsemmi Artikolu 13, moqri flimkien ma' dawn l-istess dispożizzjonijiet nazzjonali, li ma jirrikonoxxix, fir-rigward tal-kundizzjonijiet previsti fl-istess Artikolu 13(a) sa (c), l-attività ta' gruppi ta' impriżi li l-kumpannija parent tagħhom ma hijiex kumpannija stabbilita skont id-dritt Ungeriż u li l-membri tagħhom ma joperawx taħt forom ta' kumpannija previsti mid-dritt Ungeriż, jikser l-Artikolu 15(1), (2)(b) u (3) tal-imsemmija direttiva;*

— *l-Artikolu 13 tad-digriet governattiv Nru 55/2011, moqri flimkien ma' dawn l-istess dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirriżerva l-possibbiltà li l-banek u l-istabbilimenti finanzjarji joħorġu l-kard għall-ħin liberu Széchenyi, peress li huma biss dawn l-organi li jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 13, jikser l-Artikolu 15(1), (2)(d) u (3) tal-istess direttiva;*

— *l-imsemmi Artikolu 13 jikser l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123 peress li jissuġġetta l-ħruġ tal-kard għall-ħin liberu Széchenyi għall-eżistenza ta' stabbiliment fl-Ungerija;*

2) *Is-sistema ta' vawċers Erzsébet irregolata bil-Liġi Nru CLVI, tal-21 ta' Novembru 2011, u bil-Liġi Nru CIII, tas-6 ta' Lulju 2012, dwar il-programm Erzsébet tikser l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, peress li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali toħloq monopolju favur organi pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ ta' vawċers għall-ikliet keshin u li jistgħu jingħataw, f'kundizzjonijiet fiskalment vantaġġjużi, mill-persuni li jimpjegaw lill-impjegati tagħhom bħala benefiċċji in natura.*

3) *L-Ungerija hija kkundanna għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 202, 30.6.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Symvoulio tis Epikrateias – Il-Greċja) – Elliniko Dimosio vs Stefanos Stroumpoulis *et***

**(Kawża C-292/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 80/987/KEE — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjegahom — Kamp ta' applikazzjoni — Krediti salarjali mhux imħallsa tal-baħħara li jaħdmu fuq bastiment li jtajjru bandiera ta' Stat terz — Persuna li timpjega li għandha s-sede tal-kumpannija tagħha f'dan l-Istat terz — Kuntratt ta' xogħol suġġett għad-dritt ta' dan l-istess Stat terz — Falliment tal-persuna li timpjega ddikjarat fi Stat Membru li fih hija għandha s-sede effettiva tagħha — Artikolu 1 (2) — Punt II, A tal-Anness — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi garanzija tal-krediti salarjali mhux imħallsa tal-baħħara applikabbli biss fil-każ ta' abbandun tagħhom barra mill-pajjiż — Livell ta' protezzjoni mhux ekwivalenti għal dak previst mid-Direttiva 80/987)***

(2016/C 145/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Qorti tar-rinviju**

Symvoulio tis Epikrateias

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Elliniko Dimosio

*Konvenuti:* Stefanos Stroumpoulis, Nikolaos Koumpanos, Panagiotis Renieris, Charalampos Renieris, Ioannis Zacharias, Dimitrios Lazarou, Apostolos Chatzisotiriou

**Dispożittiv**

1) *Id-Direttiva tal-Kunsill 80/987, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, għandha tiġi interpretata fis-sens li, suġġett għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, baħħara residenti fi Stat Membru u li ġew impjegati f'dan l-Istat minn kumpannija li għandha s-sede rreġistrata tagħha fi Stat terz, iżda li s-sede effettiva tagħha tinsab fl-imsemmi Stat Membru, sabiex jaħdmu bħala impjegati fuq cruise liner ta' proprjetà ta' din il-kumpannija u li jtajjar il-bandiera tal-imsemmi Stat terz, skont kuntratt tax-xogħol li jindika bħala d-dritt applikabbli d-dritt ta' dan l-istess Stat terz, għandhom, wara li l-imsemmija kumpannija tkun ġiet iddikjarata falluta minn qorti tal-Istat Membru kkonċernat skont id-dritt ta' dan tal-aħħar, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni pprovduta mill-imsemmija direttiva fir-rigward tal-krediti salarjali mhux imħallsa li huma għandhom fir-rigward ta' din l-istess kumpannija.*

2) *L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 80/987 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward ta' ħaddiema li jinsabu f'sitwazzjoni bħal dik tal-konvenuti fil-kawża prinċipali, protezzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 29 tal-Liġi 1220/1981 li tikkompleta u temenda l-leġiżlazzjoni relatata mal-korp ta' amministrazzjoni tal-port ta' Pireos, fil-każ ta' abbandun ta' baħħara barra mill-pajjiż, ma tikkostitwixxix "protezzjoni li ssarraf daqs dik li toħroġ minn din id-Direttiva".*

(1) ĠU C 282, 25.8.2014

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen – il-Ġermanja) – Vestische Arbeit Jobcenter Kreis Recklinghausen vs Jovanna García-Nieto, Joel Pena Cuevas, Jovanlis Pena Garcia, Joel Luis Pena Cruz**

**(Kawża C-299/14)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-persuni — Ċittadinanza tal-Unjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Direttiva 2004/38/KE — Artikolu 24(2) — Benefiċċji ta' assistenza soċjali — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikoli 4 u 70 — Benefiċċji speċjali li ma humiex kontributorji — Esklużjoni taċ-ċittadini ta' Stat Membru matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti)***

(2016/C 145/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Vestische Arbeit Jobcenter Kreis Recklinghausen

*Konvenuti:* Jovanna García-Nieto, Joel Pena Cuevas, Jovanlis Pena Garcia, Joel Luis Pena Cruz

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tiċħad ċerti "benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus" fis-sens tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 883/2004, li wkoll jikkostitwixxu "benefiċċju ta' assistenza soċjali" fis-sens tal-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38, liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jkunu fl-istess sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva.*

(1) ĠU C 315, 19.09.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – Il-Finlandja) – Sanoma Media Finland Oy – Nelonen Media vs Viestintävirasto**

**(Kawża C-314/14)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2010/13/UE — Artikolu 19(1) — Separazzjoni bejn ir-reklamar televiżiv u l-programmi — Diviżjoni tal-iskrin — Artikolu 23(1) u (2) — Limitu fiż-żmien ta' xandir ta' reklamar televiżiv għal 20 % għal kull siegħa tal-arloġġ — Avviżi sponsorizzati — Referenzi oħrajn għal sponsor — "Sekondi suwed")***

(2016/C 145/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sanoma Media Finland Oy – Nelonen Media

*Konvenuti:* Viestintävirasto

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Marzu 2010, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-"Servizzi tal-Media awdjoviżiva") għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti li skrin diviż li juri l-lista ġenerika ta' tmiem ta' programm televiżiv f'kolonna u menu ta' preżentazzjoni tal-programmi segwenti tal-fornitur fl-oħra, sabiex jissepara l-programm li jintemm mis-sekwenza ta' reklamar televiżiv li jsegwih, ma jkunx neċessarjament ikkombinat ma', jew segwit, b'sinjal akustiku jew ottiku, bil-kundizzjoni li tali metodu ta' separazzjoni jkun jissodisfa, waħdu, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel frażi ta' dan l-Artikolu 19(1), liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.*

2) *L-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2010/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li sinjali ta' sponsorizzazzjoni ppreżentati fi programmi differenti mill-programm sponsorizzat, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom ikunu inklużi fiż-żmien massimu ta' xandir ta' reklamar f'siegħa tal-arloġġ iffissat fl-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva.*

3) *L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2010/13 għandu jiġi interpretat, fil-każ fejn Stat Membru ma jkunx uża l-fakultà li jistabbilixxi regola iktar stretta minn dik stabbilita minn dan l-Artikolu, fis-sens li mhux biss ma jipprekludix li "sekondi suwed" li jiddaħħlu bejn id-diversi spots ta' sekwenza ta' reklamar televiżiv jew bejn din is-sekwenza u l-programm televiżiv li jsegwiha jkunu inklużi fiż-żmien massimu ta' 20 % tax-xandir ta' reklamar televiżiv għal siegħa tal-arloġġ stabbilit minn dan l-Artikolu, iżda wkoll li dan jimponi tali inklużjoni.*

(1) ĠU C 292, 01.09.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas – il-Litwanja) – Air Baltic Corporation AS vs Lietuvos Respublikos specialiųjų tyrimų tarnyba**

**(Kawża C-429/14)** (1)

***Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Konvenzjoni ta' Montreal — Artikoli 19, 22 u 29 — Responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru fil-każ ta' dewmien fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri — Kuntratt ta' trasport konkluż mill-persuna li timpjega lill-passiġġieri — Dannu li jirriżulta minn dewmien — Dannu sostnut mill-persuna li timpjega***

(2016/C 145/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Air Baltic Corporation AS

*Konvenuta:* Lietuvos Respublikos specialiųjų tyrimų tarnyba

**Dispożittiv**

*Il-Konvenzjoni għall-unifikazzjoni ta' ċerti regoli għat-trasport internazzjonali bl-ajru, konkluża f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE, tal-5 ta' April 2001l, u partikolarment l-Artikoli 19, 22 u 29 tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li trasportatur bl-ajru li jkun ikkonkluda kuntratt ta' trasport internazzjonali ma' persuna li timpjega persuni ttrasportati bħala passiġġieri, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa responsabbli, fir-rigward ta' din il-persuna li timpjega, għad-danni li jirriżultaw mid-dewmien tat-titjiriet użati mill-impjegati ta' din tal-aħħar skont dan il-kuntratt u li huma marbuta mal-ispejjeż addizzjonali sostnuti minn din il-persuna li timpjega*

(1) ĠU C 421, 24.11.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Frar 2016 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-446/14 P)** (1)

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Servizzi ta' rimi ta' karkassi tal-annimali u ta' skart tal-biċċeriji — Żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet f'każ ta' epiżutija — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Kumpens relattiv għall-obbligu ta' servizz pubbliku — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2016/C 145/10)

*Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti, T. Lübbig u M. Klasse, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u C. Egerer, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundanata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 409, 17.11.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-454/14)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 1999/31/KE — Artikolu 14 — Rimi ta' skart f'landfill — Nuqqas ta' konformità tal-landfills eżistenti — Proċedura ta' għeluq u ta' ġestjoni wara għeluq)***

(2016/C 145/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Pignataro-Nolin, E. Sanfrutos Cano u D. Loma-Osorio Lerena, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: L. Banciella Rodríguez-Miñón, aġent)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottax, għal kull waħda mil-landfills inkwistjoni, jiġifieri dawk ta' Ortuella (il-Pajjiż Bask), ta' Zurita u ta' Juan Grande (il-gżejjer Kanarji), il-miżuri neċessarji sabiex jitlob lill-operatur jistabbilixxi pjan ta' kondizzjonament u li jiżgura l-implementazzjoni kollha ta' dan il-pjan konformement mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, bl-eċċezzjoni ta' dawk elenkati fl-Anness I, punt 1 ta' din id-direttiva, f'terminu ta' tmien snin wara d-data stabbilita fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, ir-Renju ta' Spanja naqas, għal kull waħda minn dawn il-landfills, milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 14(ċ) ta' din l-istess direttiva.*

2) *Billi ma adottax, għal kull waħda mil-landfills inkwistjoni, jiġifieri dawk ta' Vélez Rubio (Almería), ta' Alcolea de Cinca (Huesca), ta' Sariñena (Huesca), ta' Tamarite de Litera (Huesca), ta' Somontano – Barbastro (Huesca), ta' Barranco de Sedases (Fraga, Huesca), ta' Barranco Seco (Puntallana, La Palma), ta' Jumilla (Murcia), ta' Legazpia (Gipuzkoa), ta' Sierra Valleja (Arcos de la Frontera, Cádiz), ta' Carretera Pantano del Rumblar (Baños de la Encina, Jaén), ta' Barranco de la Cueva (Bélmez de la Moraleda, Jaén), ta' Cerrajón (Castillo de Locubín, Jaén), ta' Las Canteras (Jimena y Bedmar, Jaén), ta' Hoya del Pino (Siles, Jaén), ta' Bellavista (Finca El Coronel, Alcalá de Guadaira, Sevilla), ta' El Patarín (Alcalá de Guadaira, Sevilla), ta' Carretera de Arahal-Morón de la Frontera (Arahal, Sevilla), ta' Carretera de Almadén de la Plata (Cazalla de la Sierra, Sevilla), ta' El Chaparral (Écija, Sevilla), ta' Carretera A-92, KM 57,5 (Morón de la Frontera, Sevilla), ta' Carretera 3118 Fuente Leona – Cumbres mayores (Colina Barragona, Huelva), ta' Llanos del Campo (Grazalema – Benamahoma, Cadix), ta' Andrada Baja (Alcalá de Guadaira, Sevilla), ta' Carretera de Los Villares (Andújar, Jaén), ta' La Chacona (Cabra, Córdoba) u ta' El Chaparral – La Sombrerera (Puerto Serrano, Cádiz), il-miżuri neċessarji sabiex jingħalqu malajr kemm jista' jkun, skont il-punt (g) taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 1999/31, siti li ma kisbux, skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, l-awtorizzazzjoni li jkomplu l-operazzjonijiet tagħhom, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq, għal kull waħda minn dawn il-landfills, l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 14(b) ta' din id-direttiva.*

3) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 448, 15.12.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

**(Kawża C-22/15)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 132(1)(m) — Provvisti ta' servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Eżenzjoni tal-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sport nawtiku fil-kuntest ta' attivitajiet ta' navigazzjoni jew divertiment li ma jistgħux jitqiesu simili għall-isport jew għall-edukazzjoni fiżika — Benefiċċju ta' eżenzjoni limitat għall-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom — Esklużjoni — Punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133))***

(2016/C 145/12)

*Lingwa tal-kawża: in-Netherlandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Lozano Palacios u G. Wils, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman u M. Noort, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 2(1), 24(1), u 133 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mal-Artikolu 132(1)(m), ta' din id-direttiva:*

— *billi jeżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' navigazzjoni jew ta' divertiment li ma jistgħux jitqiesu sport jew edukazzjoni fiżika, il-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sport nawtiku li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom, u*

— *billi jillimita, meta l-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes isir lil persuni li jipprattikaw l-isport u li l-kiri tkun strettament marbuta u indispensabbli għall-prattika ta' dan l-isport, l-eżenzjoni tal-kiri lill-assoċjazzjonijiet ta' sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom.*

2) *Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 228, 13.07.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Hamburg – Il-Ġermanja) – Salutas Pharma GmbH vs Hauptzollamt Hannover**

**(Kawża C-124/15)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 3004 — Pilloli effervexxenti li għandhom 500 mg ta' kalċju — Livell ta' sustanza f'doża ta' kuljum irrakkomandata ogħla sewwa mill-konċessjoni ta' kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali)***

(2016/C 145/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Salutas Pharma GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Hannover

**Dispożittiv**

*In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011, tas-27 ta' Settembru 2011, għandha tiġi interpretata fis-sens li prodott, bħall-pilloli effervexxenti li għandhom kontenut ta' kalċju ta' 500 mg kull pillola, użati għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' nuqqas ta' kalċju jew relatati ma' trattamenti speċifiċi għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-osteoporożi u li d-doża massima ta' kuljum li hija rrakkomandata għall-adulti indikata fuq it-tikketta hija ta' 1 500 mg, jaqa' taħt l-intestatura 3004 ta' din in-nomenklatura.*

([1]) ĠU C 178, 1.6.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-25 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – G.E. Security BV vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-143/15)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Klassifikazzjoni tal-merkanzija — Intestaturi 8517, 8521, 8531 u 8543 — Merkanzija msejħa "videomultiplexer")***

(2016/C 145/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* G.E. Security BV

*Konvenuta:* Staatssecretaris van Financiën

**Dispożittiv**

*In-nomenklatura magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni ta' Dwana, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007, għandha tiġi interpretata fis-sens li merkanzija bħal dik imsejħa "videomultiplexer", inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha, bla ħsara għall-evalwazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-punti fattwali kollha li din għandha, tiġi kklassifikata fl-intestatura 8521 ta' din in-nomenklatura.*

([1]) ĠU C 198, 15.6.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi l-Baxxi) – J. N. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie**

**(Kawża C-601/15 PPU)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali — Direttiva 2008/115/KE — Soġġorn legali — Direttiva 2013/32/UE — Artikolu 9 — Dritt li wieħed jibqa' fi Stat Membru — Direttiva 2013/33/UE — Punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) — Detenzjoni — Protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku — Validità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 6 u 52 — Limitazzjoni — Proporzjonalità)***

(2016/C 145/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* J. N.

*Konvenut:* Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

**Dispożittiv**

*Mill-eżami tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, ma jirriżulta ebda element li jista' jaffettwa l-validità ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikoli 6 u 52(1) u (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 38, 1.2.2016.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy we Wrocławiu (il-Polonja) fl-1 ta' Lulju 2015 – Z.Ś., Z.M., M.P. vs X w G.**

**(Kawża C-325/15)**

(2016/C 145/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy we Wrocławiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Z.Ś., Z.M., M.P.

*Konvenut:* X w G.

Fit-18 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat sentenza li biha tat risposta għal l-ewwel domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju. It-tieni domanda ġiet iddikjarata manifestament inammissibbli.

---

## Appell ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2015 minn Harper Hygienics S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-363/12, Harper Hygienics vs UASI – Clinique Laboratories (CLEANIC natural beauty)

**(Kawża C-374/15 P)**

(2016/C 145/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Appellanti:* Harper Hygienics S.A. (rappreżentant: D. Rzążewska)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinji), Clinique Laboratories, LLC

B'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-28 ta' Jannar 2016, l-appell ġie miċħud kollu kemm hu.

---

## Appell ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2016 mir-Renju tal-Belġju mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-27 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża T-721/14, Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-16/16 P)**

(2016/C 145/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: L. Van den Broeck, M. Jacobs u J. Van Holm)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla fl-intier tiegħu d-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-721/14;

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tiddeċidi fuq il-mertu;

— tiddikjara li t-talbiet għal intervent tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Portugiża huma inammissibbli;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju: ksur tal-prinċipji ta' tqassim tal-kompetenzi, ta' lealta u ta' bilanċ istituzzjonali u applikazzjoni żbaljata tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 263 TFUE.

It-tieni aggravju: ksur tar-reċiproċità tal-prinċipju ta' lealta u preġudizzju għall-kwalità ta' rikorrent ipprivileġġjat ta' Stat Membru li qed jipprova jipproteġi l-prerogattivi tiegħu.

It-tielet aggravju: interpretazzjoni żbaljata tal-konsegwenzi ġuridiċi tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Belġju.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-18 ta' Jannar 2016 – Nintendo Co. Ltd vs BigBen Interactive GmbH u BigBen Interactive SA**

**(Kawża C-24/16)**

(2016/C 145/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nintendo Co. Ltd.

*Konvenuta:* BigBen Interactive GmbH, BigBen Interactive SA

**Domandi preliminari**

1. Fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex timplementa d-drittijiet li jirriżultaw minn disinn Komunitarju quddiem qorti ta' Stat Membru, meta l-ġurisdizzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward ta' konvenut tirriżulta biss mill-Artikolu 79(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji ([1]), moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]), minħabba li dan il-konvenut stabbilit fi Stat Membru ieħor jikkunsinna lil konvenut ieħor stabbilit fl-Istat Membru kkonċernat prodotti li possibbilment jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, tali qorti tista' tadotta kontra l-ewwel wieħed mill-konvenuti msemmija digrieti li japplikaw fl-Unjoni kollha u li ma jkunux limitati għar-relazzjonijiet ta' kunsinna li fuqhom tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni?

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji, partikolarment l-Artikolu 20(1)(ċ) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li terz jista' jipproduċi mill-ġdid għal finijiet kummerċjali d-disinn Komunitarju, meta huwa jkollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza aċċessorji relatati ma' prodotti – li jikkorrispondu għad-disinn – tal-proprjetarju? Jekk iva, liema huma l-kriterji applikabbli?

3. Kif għandu jiġi ddeterminat il-pajjiż "fejn ikun seħħ il-ksur" għall-finijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) ([3]) fil-każijiet fejn:

a) l-awtur tal-ksur joffri permezz ta' sit tal-internet prodotti li jiksru drittijiet protetti, meta dan is-sit tal-internet ikun indirizzat ukoll lil Stati Membri oħra għajr dak li fih l-awtur tal-ksur ikun stabbilit;

b) l-awtur tal-ksur jittrasporta, fi Stat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit, prodotti li jiksru drittijiet protetti?

L-Artikolu 15(a) u (g) ta' dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li l-liġi applikabbli hekk iddeterminata għandha tapplika wkoll għall-atti ta' kompliċità ta' persuni oħra?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42
(3) ĠU L 199, p. 40

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-18 ta' Jannar 2016 – Nintendo Co. Ltd vs BigBen Interactive GmbH u BigBen Interactive SA**

**(Kawża C-25/16)**

(2016/C 145/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nintendo Co. Ltd

*Konvenuti:* BigBen Interactive GmbH, BigBen Interactive SA

**Domandi preliminari**

1. Fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex timplementa d-drittijiet li jirriżultaw minn disinn Komunitarju quddiem qorti ta' Stat Membru, meta l-ġurisdizzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward ta' konvenut tirriżulta biss mill-Artikolu 79(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (1), moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (2), minħabba li dan il-konvenut stabbilit fi Stat Membru ieħor jikkunsinna lil konvenut ieħor stabbilit fl-Istat Membru kkonċernat prodotti li possibbilment jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, tali qorti tista' tadotta kontra l-ewwel wieħed mill-konvenuti msemmija digrieti li japplikaw fl-Unjoni kollha u li ma jkunux limitati għar-relazzjonijiet ta' kunsinna li fuqhom tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni?

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji, partikolarment l-Artikolu 20(1)(ċ) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li terz jista' jipproduċi mill-ġdid għal finijiet kummerċjali d-disinn Komunitarju, meta huwa jkollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza aċċessorji relatati ma' prodotti – li jikkorrispondu għad-disinn – tal-proprjetarju? Jekk iva, liema huma l-kriterji applikabbli?

3. Kif għandu jiġi ddeterminat il-pajjiż "fejn ikun seħħ il-ksur" għall-finijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (3) fil-każijiet fejn:

a) l-awtur tal-ksur joffri permezz ta' sit tal-internet prodotti li jiksru drittijiet protetti, meta dan is-sit tal-internet ikun indirizzat ukoll lil Stati Membri oħra għajr dak li fih l-awtur tal-ksur ikun stabbilit;

b) l-awtur tal-ksur jittrasporta, fi Stat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit, prodotti li jiksru drittijiet protetti?

L-Artikolu 15(a) u (g) ta’ dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li l-liġi applikabbli hekk iddeterminata għandha tapplika wkoll għall-atti ta’ kompliċità ta’ persuni oħra?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42
(3) ĠU L 199, p. 40

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-22 ta’ Jannar 2016 – Minister Finansów vs Posnania Investment S.A.

**(Kawża C-36/16)**

(2016/C 145/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Minister Finansów

*Konvenuta:* Posnania Investment S.A.

### Domanda preliminari

It-trasferiment tal-proprjetà ta’ art (oġġett) minn persuna taxxabbli għall-VAT: a) lit-Teżor tal-Istat – bi skambju għal arretrati ta’ taxxa fir-rigward ta’ taxxi li jikkostitwixxu dħul tal-baġit tal-Istat, jew b) lil muniċipalità, distrett jew awtorità reġjonali – bi skambju għal arretrati tat-taxxa fir-rigward ta’ taxxi li jikkostitwixxu d-dħul tal-baġit tagħhom, li jirriżulta fit-tmiem tad-dejn fiskali, huwa tranżazzjoni taxxabbli (provvista ta’ oġġetti magħmula bi ħlas) fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) u tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud [1] (iktar ’il quddiem id-“Direttiva tal-VAT”)?

(1) ĠU L 347, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-22 ta’ Jannar 2016 – Minister Finansów vs Stowarzyszenie Artystów Wykonawców Utworów Muzycznych i Słowno-Muzycznych SAWP, stabbilita f’Varsavja (SAWP)

**(Kawża C-37/16)**

(2016/C 145/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Minister Finansów

*Konvenuta:* Stowarzyszenie Artystów Wykonawców Utworów Muzycznych i Słowno-Muzycznych SAWP, stabbilita f’Varsavja (SAWP)

**Domandi preliminari**

1) L-awturi, l-artisti u l-entitajiet awtorizzati oħra jipprovdu servizzi, fis-sens tal-Artikolu 24(1) u tal-Artikolu 25(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), lil produtturi u importaturi ta’ reġistraturi awdjo u apparat ieħor simili u medja vojta, li fuqhom organizzazzjonijiet ta’ ġestjoni kollettiva jiġbru għal dawn l-awturi, artisti u entitajiet awtorizzati oħra, iżda f’isimhom stess, drittijiet fuq tali apparat u mezzi tal-medja permezz tal-bejgħ tagħhom?

2) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, meta organizzazzjonijiet ta’ ġestjoni kollettiva jimponu dritt fuq apparat u mezzi ta’ medja permezz tal-bejgħ tagħhom fuq il-produtturi u l-importaturi, dawn ikunu qegħdin jaġixxu bħala persuni taxxabbli msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, li huma meħtieġa jiddokumentaw dawn l-attivitajiet permezz ta’ fattura fis-sens tal-Artikolu 220(1)(1) ta’ din id-direttiva, maħruġa lill-produtturi u lill-importaturi ta’ reġistraturi awdjo u apparat ieħor simili u medja vojta, li turi li l-VAT hija dovuta permezz tad-drittijiet miġbura, u, fil-mument tad-distribuzzjoni mill-ġdid tad-drittijiet miġbura lill-awturi, artisti u entitajiet awtorizzati oħra, dawn tal-aħħar huma meħtieġa jiddokumentaw il-ħlas tad-drittijiet permezz ta’ fattura li tindika l-VAT mogħtija lill-organizzazzjonijiet ta’ ġestjoni kollettiva li jiġbru d-drittijiet?

([1]) ĠU L 347, p. 1.

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta’ Jannar 2016 minn Dyson Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba’ Awla) fil-11 ta’ Novembru 2015 fil-Kawża T-544/13: Dyson Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-44/16 P)**

(2016/C 145/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Dyson Ltd (rappreżentanti: E. Batchelor, M. Healy, solicitors, F. Carlin, barrister, A. Patsa, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;

— tannulla r-Regolament ([1]) ikkontestat fl-intier tiegħu; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta’ Dyson inkonnessjoni ma’ dawn il-proċeduri u dawk quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Il-motivi u l-argumenti prinċipali**

Dyson isostni illi l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi:

i. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kklassifikat b’mod żbaljat il-motiv imressaq minn Dyson bħala żball manifest minflok nuqqas ta’ kompetenza legali skont l-Artikolu 10 (1) tad-Direttiva 2010/30/EU ([2]);

ii. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod ħażin il-portata tas-setgħat iddelegati tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 (1) tad-Direttiva 2010/30/UE;

iii. Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet ta' difiża ta' Dyson fir-rigward ta' fatti li fuqhom Dyson ma kellhiex l-opportunità tagħti l-perspettiva tagħha.

iv. Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali għawġet u/jew injorat evidenza rilevanti;

v. Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja peress illi naqset illi tagħti r-raġunijiet għaliex: (i) ikklassifikat it-test legali applikabbli bħala żball manifest; (ii) ikkonkludiet li d-data ta' Dyson kienet "estremament spekulattiva"; (iii) straħet fuq parti mhux speċifikata ta' "studju ta' impatt" mhux identifikat; u (iv) injorat l-evidenza ta' riproduċibilita' ta' Dyson; u

vi. Fis-sitt lok, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod ħażin it-test legali ta' trattament ugwali.

Dyson titlob bir-rispett li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talba mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, billi tannulla r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 (ir-"Regolament ikkontestat") peress li għandha biżżejjed informazzjoni quddiemha biex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu tal-kwistjonijiet imqajma fl-ewwel istanza.

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners ĠU L 192, p. 1

([2]) Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija GU L 153, p. 1

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fl-1 ta' Frar 2016 – Evo Bus GmbH vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Ploiești – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Argeș**

**(Kawża C-55/16)**

(2016/C 145/24)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație și Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Evo Bus GmbH

*Konvenuta:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Ploiești – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Argeș

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tat-Tmien Direttiva 79/1072/KEE ([1]), kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali, jipprekludu/jipprekludew leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirregola/irregolat, fid-dawl tal-prinċipju tas-sigurtà fiskali, il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għal rimbors [tat-taxxa] fuq il-valur miżjud, bħal, f'dan il-każ, il-prova tal-ħlas tat-taxxa mill-fornituri?

([1]) It-Tmien Direttiva tal-Kunsill 79/1072/KEE, tas-6 ta' Diċembru 1979, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-persuni taxxabbli li m'humiex stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż (ĠU L 331, p. 11, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 79).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-3 ta' Frar 2016 – The Shirtmakers BV vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-59/16)**

(2016/C 145/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* The Shirtmakers BV

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 32(1)(e)(i) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li "l-ispejjeż tat-trasport" ifissru l-ammonti ffatturati mit-trasportaturi effettivi tal-merkanzija importata, inkluż fil-każ li dawn it-trasportaturi ma jkunux iffatturaw dawn l-ammonti direttament lix-xerrej tal-merkanzija importata, iżda lil operatur ieħor li jkun ikkonkluda l-kuntratti ta' trasport mat-trasportaturi effettivi f'isem ix-xerrej tal-merkanzija importata u li jkun iffattura lil dan ix-xerrej ammonti ogħla minħabba l-intervent tiegħu sabiex jitwettaq it-trasport?

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Rumanija**

**(Kawża C-62/16)**

(2016/C 145/26)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Petrova, M. Heller u A. Biolan, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Rumanija

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/33/UE ([1]) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq ir-Rumanija, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 260(3) TFUE, pagamenti ta' penalità ta' EUR 38 042,60 għal kull jum ta' dewmien mid-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu tagħha li tikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva 2012/33/UE;

— tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fit-18 ta' Ġunju 2014.

---

([1]) Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu (ĠU L 327, p. 1).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso Administrativo n° 4 de Madrid (Spanja) fl-10 ta' Frar 2016 – Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania vs Ayuntamiento de Getafe

**(Kawża C-74/16)**

(2016/C 145/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Contencioso-Administrativo n° 4 de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania

*Konvenut:* Ayuntamiento de Getafe

**Domanda preliminari**

L-eżenzjoni lill-Knisja Kattolika tat-Taxxa fuq il-kostruzzjoni, installazzjonijiet u xogħlijiet fir-rigward ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet u xogħlijiet imwettqa fi proprjetà immobbli intiża għall-iżvilupp ta' attivitajiet eknomiċi li ma għandhom ebda għan strettament reliġjuż tmur kontra l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Belġju) fit-12 ta' Frar 2016 – K. *et* vs L-Istat Belġjan

**(Kawża C-82/16)**

(2016/C 145/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad voor Vreemdelingenbetwistingen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* A. K., Z. M., J. M., N. N. N., I. O. O., I. R., A. B.

*Konvenut:* L-Istat Belġjan

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115/KE ([1]) moqrija flimkien mal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreklud, f'ċerti ċirkustanzi, prattika nazzjonali skont liema talba għal residenza fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin tal-Unjoni, imressqa fl-Istat Membru fejn jgħix iċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat li ma għamilx użu mid-dritt tiegħu għal-libertà ta' moviment u ta' stabbiliment u li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru (iktar 'il quddiem, iċ-"ċittadin statiku tal-Unjoni"), minn ċittadin ta' Stat terz membru tal-familja ta' dan tal-aħħar, tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, flimkien ma', jew mingħajr, il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' tneħħija, għas-sempliċi raġuni li l-membru tal-familja ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat jaqa' taħt projbizzjoni ta' dħul applikabbli b'dimensjoni Ewropea?

a) Sabiex jiġu evalwati ċirkustanzi bħal dawn, huwa rilevanti li teżisti, bejn iċ-ċittadin statiku tal-Unjoni u l-membru tal-familja tiegħu ċittadin ta' Stat terz, relazzjoni ta' dipendenza li tmur lil hinn minn sempliċi rabta ta' familja? Fl-affermattiv, liema huma l-fatturi rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' din ir-relazzjoni ta' dipendenza? F'dan ir-rigward, jista' jsir riferiment b'mod utli għall-ġurisprudenza li tirrigwarda l-eżistenza ta' ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 7 tal-Karta?

b) Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-ulied minorenni, l-Artikolu 20 TFUE jeżiġi iktar minn rabta bijoloġika bejn il-ġenitur-ċittadin ta' Stat terz u l-wild-ċittadin tal-Unjoni? Il-prova ta' koabitazzjoni hija importanti f'dan ir-rigward jew rabtiet ta' affezzjoni u rabtiet finanzjarji, bħal modalitajiet ta' akkomodazzjoni jew ta' żjara u l-pagament ta' manteniment, huma suffiċjenti? F'dan ir-rigward, jista' jsir riferiment b'mod utli għall-motivazzjoni tas-sentenzi Ogieriakhi (C-244/13, EU:C:2014:2068, punti 38 u 39), Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476, punt 54) u O. *et*, (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 56)? Ara wkoll, f'dan ir-rigward, it-talba għal deċiżjoni preliminari C-133/15 li hija attwalment pendenti.

c) Sabiex jiġu evalwati tali ċirkustanzi, huwa importanti li l-ħajja tal-familja bdiet f'mument li fih iċ-ċittadin ta' Stat terz kien diġà jaqa' taħt projbizzjoni ta' dħul u kien jaf, għaldaqstant, li kien qiegħed jirresjedi irregolarment fl-Istat Membru? Din l-informazzjoni tista' tiġi invokata b'mod utli kontra eventwali użu ħażin tal-proċeduri ta' residenza fil-kuntest tar-riunifikazzjoni tal-familja?

d) Sabiex jiġu evalwati tali ċirkustanzi, huwa importanti li l-ebda azzjoni ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/115 ma tressqet kontra d-deċiżjoni ta' ħruġ ta' projbizzjoni ta' dħul jew li tali azzjoni ġudizzjarja ġiet miċħuda?

e) Il-fatt li l-projbizzjoni ta' dħul ġiet imposta għal raġunijiet ta' natura ta' ordni pubbliku jew minħabba residenza irregolari huwa element rilevanti? Fl-affermattiv, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat jirrappreżentax theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà? F'din il-perspettiva, l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38/KE ([3]), li ġew trasposti fl-Artikoli 43 u 45 tal-liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar il-barranin, u l-ġurisprudenza korrispondenti tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-ordni pubbliku jistgħu jiġu applikati b'mod analogu għall-membri tal-familja ta' ċittadini statiċi tal-Unjoni? (ara t-talbiet għal deċiżjoni preliminari C-165/14 u C-304/14 li huma attwalment pendenti).

2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreklud prattika nazzjonali skont liema projbizzjoni ta' dħul applikabbli tiġi invokata kontra talba għal riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni, imressqa fit-territorju ta' Stat Membru wara l-ħruġ ta' din il-projbizzjoni ta' dħul, sabiex jiġi rrifjutat it-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija talba mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħajja privata u tal-familja u lanqas l-interess tat-tfal ikkonċernati msemmija f'din it-talba?

3) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreklud prattika nazzjonali skont liema deċiżjoni ta' tneħħija tittieħed kontra ċittadin ta' Stat terz, diġà suġġett għal projbizzjoni ta' dħul applikabbli, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħajja privata u tal-familja u lanqas l-interess tat-tfal ikkonċernati, li huma msemmija f'talba għal riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni mressqa wara l-ħruġ ta' din il-projbizzjoni ta' dħul?

4) L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 jimplika li ċittadin ta' Stat terz għandu, fil-prinċipju, dejjem iressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni ta' projbizzjoni ta' dħul definittiva u applikabbli barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew jeżistu ċirkustanzi li fihom huwa jista' jressaq din it-talba wkoll fit-territorju tal-Unjoni Ewropea?

   a) It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tal-istess direttiva, li jipprevedi li l-possibbiltà li tiġi rtirata jew sospiża projbizzjoni ta' dħul tista' titqies biss jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat juri li telaq mit-territorju f'konformità sħiħa mad-deċiżjoni ta' ritorn, għandu jiġi osservat mingħajr riżerva f'każijiet individwali jew f'kull kategorija ta' każijiet?

   b) L-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludu interpretazzjoni skont liema talba għal residenza fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni, li ma għamilx użu mid-dritt tiegħu għal-libertà ta' moviment u ta' stabbiliment, tista' tiġi assimilata għal talba (temporanja) impliċita għal irtirar jew għal sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul definittiva u applikabbli li terġa' ġġib l-effetti tagħha jekk jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' residenza ma humiex issodisfatti?

   c) Huwa rilevanti li l-obbligu li titressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni fil-pajjiż ta' oriġini jwassal eventwalment biss għal separazzjoni temporanja bejn iċ-ċittadin ta' Stat terz u ċ-ċittadin statiku tal-Unjoni? Jeżistu ċirkustanzi li fihom l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta jipprekludu, madankollu, separazzjoni temporanja?

   d) Huwa rilevanti li l-obbligu li titressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni fil-pajjiż ta' oriġini jwassal eventwalment biss għall-fatt li ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu, fejn xieraq, sempliċement jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għal tul ta' żmien limitat? Jeżistu ċirkustanzi li fihom l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi, madankollu, li ċittadin statiku tal-Unjoni jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għal tul ta' żmien limitat?

---

([1]) Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98)

([2]) ĠU 2000, C 364, p. 1.

([3]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (ir-Renju Unit) fil-15 ta' Frar 2016 – The English Bridge Union Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

**(Kawża C-90/16)**

(2016/C 145/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Qorti tar-rinviju

Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* The English Bridge Union Limited

*Konvenuta:* Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

### Domandi preliminari

1) Liema huma l-karatteristiċi essenzjali li attività għandu jkollha sabiex din tkun "sport" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]), tat-28 ta' Novembru 2006 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT")? Attività għandha b'mod partikolari tinkludi element fiżiku sinjifikattiv (jew mhux insinjifikattiv) li jkun determinanti għar-riżultat tagħha jew huwa biżżejjed li din tkun tinvolvi element mentali sinjifikattiv li jkun determinanti għar-riżultat tagħha?

2) Id-duplicate contract bridge huwa "sport" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-VAT?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 38 de Barcelona (Spanja) fis-17 ta' Frar 2016 – Banco Santander, S.A. vs Mahamadou Demba u Mercedes Godoy Bonet**

**(Kawża C-96/16)**

(2016/C 145/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 38 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Banco Santander, S.A.

*Konvenuti:* Mahamadou Demba u Mercedes Godoy Bonet

**Domandi preliminari**

1) Il-prattika tan-negozju ta' trasferiment jew xiri tal-krediti mingħajr ma tingħata l-possibbiltà lill-konsumatur li jaqta' d-dejn billi jħallas il-prezz, l-interessi u l-ispejjeż tal-proċess liċ-ċessjonarju, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mal-Artikolu 2 C tat-Trattat ta' Lisbona u mal-Artikoli 4(2), 12 u 169(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea? (1)

2) L-imsemmija prattika tan-negozju ta' xiri tad-dejn tal-konsumatur għal prezz baxx mingħajr il-kunsens jew għarfien tiegħu, mingħajr ma tiġi inkluża bħala kundizzjoni ġenerali jew klawżola inġusta imposta fil-kuntratt, u mingħajr ma jingħata l-possibbiltà li jipparteċipa f'dik it-tranżazzjoni billi jixtri u b'hekk jaqta' d-dejn, hija kompatibbli mal-prinċipji msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 93/13 (2), tal-5 ta' April 1993 u, b'estensjoni, mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikoli 3(1) u 7 tagħha?

3) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-ġurisprudenza komunitarja li tiżviluppahom, huwa konfomi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur u b'mod partikolari mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li jiġi stabbilit bħala kriterju inekwivoku li, fi ftehimiet ta' self mhux iggarantit konklużi ma' konsumaturi, klawżola mhux innegozjata li tistabbilixxi rata ta' interessi moratorji li teċċedi r-rata ta' interessi miftiehma b'iktar minn żewġ punti perċentwali, hija inġusta?

4) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-ġurisprudenza komunitarja li tiżviluppahom, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur u b'mod partikolari mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li jiġi stabbilit, konsegwentement, li interessi ordinarji jibqgħu jakkumulaw sakemm id-dejn ikun tħallas fit-totalità tiegħu?

(1) ĠU 2000, C 364, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-98/16)**

(2016/C 145/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Roels u D. Triantafyllou, bħala aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tikkonstata li, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tipprevedi rata ta’ taxxa tas-suċċessjoni vantaġġjuża għal legati devoluti favur entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-UE/taż-ŻEE suġġetta għal klawżola ta’ reċiproċità, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 63 TFUE u l-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-leġiżlazzjoni Griega tipprevedi koeffiċjent fiskali mnaqqas għal legati devoluti favur persuni ġuridiċi (filantropiċi, eċċ.) mingħajr skop ta’ qligħ. Madankollu, ir-rata mnaqqsa hija applikabbli għal legati magħmula biss għall-persuni ġuridiċi barranin ekwivalenti, jekk l-Istati Membri kkonċernati jirrikonoxxu huma wkoll trattament iktar favorevoli għal legati magħmula favur persuni ġuridiċi mingħajr skop ta’ qligħ Griegi (jiġifieri, suġġetta għal klawżola ta’ reċiproċità).

— Din il-leġiżlazzjoni fiha diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni ġuridiċi (mingħajr skop ta’ qligħ) tal-Istati Membri l-oħra tal-UE u taż-ŻEE, li tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital (Artikolu 63 TFUE).

— Din ir-restrizzjoni ma hijiex koperta mill-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 65 TFUE.

— Hija ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li ttaffi l-baġit nazzjonali permezz tal-attivitajiet ta’ entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ (raġuni finanzjarja mhux aċċettabbli).

— Fl-aħħar nett, il-prinċipju ta’ reċiproċità ma jistax jiġġustifika ksur tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital permezz ta’ diskriminazzjoni.

**Appell ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2016 minn SNCF Mobilités (SNCF) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba’ Awla) fis-17 ta’ Diċembru 2016 fil-Kawża T-242/12, SNCF vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-127/16 P)**

(2016/C 145/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* SNCF Mobilités (SNCF) (rappreżentanti: P. Beurier, O. Billard, G. Fabre, V. Landes, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Franċiża, Mory SA, fi stralċ, Mory Team, fi stralċ.

**Talbiet**

— tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fis-17 ta' Diċembru 2015 fil-Kawża T-242/12, Société nationale des chemins de fer français (SNCF) vs Il-Kummissjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-apellanti tinvoka diversi aggravji insostenn tal-appell tagħha.

L-ewwel nett, meta żnaturat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-deċiżjoni Sernam 2 dwar il-bejgħ ta' attiv f'daqqa ta' Sernam, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi u naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

It-tieni nett, meta qieset li r-rekwiżiti ta' ftuħ u ta' trasparenza applikabbli għas-sejħa għal offerti previsti fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Sernam 2 neċessarjament jippreżumu li l-kandidat magħżul kien ipparteċipa bħala tali, u b'mod awtonomu, fil-proċedura mill-bidu, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

It-tielet nett, meta qieset li l-offerta tat-tim ta' tmexxija ta' Sernam kien ferm iktar sfavorevoli għall-bejjiegħ mill-offerti preliminari ta' kandidati oħra, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u wettqet żball ta' liġi.

Ir-raba' nett, meta qieset li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda konfużjoni bejn l-oġġett u l-prezz tal-bejgħ ta' attiv f'daqqa ta' Sernam, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni u ddeċidiet b'motivi kontradittorji.

Il-ħames nett, meta qieset li l-inklużjoni fil-passiv tal-istralċ ġudizzjarju tal-kumpanija Sernam SA tal-kreditu korrispondenti għall-ammont ta' għajnuna ta' EUR 41 miljun ma kinitx konformi mal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni Sernam 2, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u żnaturat id-dispożittiv tad-deċiżjoni Sernam 2.

Is-sitt nett, meta qieset li l-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq ma kienx applikabbli għall-bejgħ ta' attiv f'daqqa ta' Sernam, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni u żnaturat id-dipożittiv tad-deċiżjoni Sernam 2.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2016 – credentis vs UASI – Aldi Karlslunde (Curodont)**

**(Kawża T-53/15)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Curodont — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Eurodont — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 145/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* credentis AG (Windisch, l-Isvizzera) (rappreżentant: D. Breuer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral u J. Ivanauskas, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Aldi Karlslunde K/S (Karlslunde, id-Danimarka) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Novembru 2014 (Każ R 353/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aldi Karlslunde K/S u credentis AG.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *credentis AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 107, 30.3.2015

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2016 – LG Developpement vs UASI – Bayerische Motoren Werke (MINICARGO)**

**(Kawża T-160/15)** ([1])

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva MINICARGO — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti MINI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/ 2009”)***

(2016/C 145/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* LG Developpement (Baud, Franza) (rappreżentant: A. Sion, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Bayerische Motoren Werke AG (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Delorey, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Jannar 2015 (Kawża R 596/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bayerische Motoren Werke AG u LG Developpement.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *LG Developpement hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 198, 15.06.2015

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2016 – Colomer Italy vs UASI – Farmaca International (INTERCOSMO ESTRO)**

**(Kawża T-681/13)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2016/C 145/35)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Colomer Italy SpA (Sala Bolognese, l-Italja) (rappreżentanti: M. Ricolfi, F. Tarocco u C. Mezzetti, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Bullock u N. Bambara, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Farmaca International SpA (Torino, l-Italja) (rappreżentanti: M. Caramelli u S. Fierro, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1186/2012-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Farmaca International SpA u Colomer Italy SpA.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Colomer Italy SpA u Farmaca International SpA huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull wieħed minnhom, nofs dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*

---

([1]) ĠU C 78 tal-15.3.2014

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2016 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-50/16)**

(2016/C 145/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér u G. Koós, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 dwar ir-reġistrazzjoni tal-inizzjattiva ċittadina "Wake up Europe! Agir pour préserver le projet démocratique européen";

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11(4) TUE, tal-punt 1 tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011 ([1]) mill-Kummissjoni fir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini inkwistjoni. Fil-fatt ir-rikorrenti tqis li l-ftuħ ta' proċedura skont l-Artikolu 7 TUE, li hija simili għal proċedura għal konstatazzjoni ta' nuqqas, ma jistax jitqies li huwa att tad-dritt tal-Unjoni neċessarju għall-implementazzjoni tat-Trattati. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, l-inizjattiva taċ-ċittadini għandha tkun intiża sabiex il-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva ta' att taħt id-dritt tal-Unjoni bil-għan li timmaterjalizza ruħha b'mod pożittiv fil-leġiżlazzjoni l-ġdida inkorporata fid-dritt tal-Unjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt ta' amministrazzjoni tajba sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif ukoll tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni fl-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni essenzjalment li peress li l-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjoni inkwistjoni, eskludiet radikalment il-prassi preċedenti tagħha fil-qasam tar-reġistrazzjoni tal-inizjattivi taċ-ċittadini, l-inizjattivi preċedenti u l-inizjattivi possibbli futuri, minħabba din l-inkoerenza u din il-kontradizzjoni, ma humiex se jkunu suġġetti għal evalwazzjoni indaqs.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TFUE mill-Kummissjoni fl-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Minn naħa, il-Kummissjoni preċedentement ħadet pożizzjoni fis-sens li ċ-ċirkustanzi sabiex tinbeda proċedura kontra l-Ungerija skont l-Artikolu 7 ma ġewx issodisfatti, filwaqt li d-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini tgħaddi l-messaġġ li l-Kummissjoni ma teskludix in-natura fondata tal-inizjattiva inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni, konformement ma' dan il-prinċipju, jmissha informat lill-Ungerija dwar l-eżistenza ta' inizjattiva li tirrigwardaha direttament u jmissha offritilha l-possibbiltà li tinvoka l-argumenti tagħha f'dan ir-rigward.

([1]) Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 2011, dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2016 – Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-53/16)**

(2016/C 145/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ryanair Ltd (Dublin, l-Irlanda) u Airport Marketing Services Ltd (Dublin) (rappreżentanti: G. Berrisch, E. Vahida, I. Metaxas-Maragkidis, avukati u B. Byrne, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-Artikoli 1, 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2014 fil-każ dwar għajnuna mill-Istat SA.33961 (2012/C) (ex 2012/NN) li kkonstatat li Ryanair u Airport Marketing Services irċevew għajnuna mill-Istat illegali, inkompatibbli mas-suq intern, permezz ta' numru ta' ftehimiet konklużi mal-ajruport ta' Nîmes-Garons; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tikser l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, sa fejn il-Kummissjoni ma ppermettietx li r-rikorrenti jkollhom aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni u ma qegħditx lir-rikorrenti f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jissottomettu effettivament l-osservazzjonijiet tagħhom.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE għaliex il-Kummissjoni żbaljat meta imputat il-miżuri inkwistjoni lill-Istat.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE għaliex il-Kummissjoni żbaljat meta qieset li r-riżorsi ta' Veolia Transport Aéroport de Nîmes (VTAN), wieħed mill-amministraturi tal-ajruport, kienu riżorsi tal-Istat.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE għaliex il-Kummissjoni ma applikatx korrettament il-kriterju tal-operatur f'ekonomija tas-suq. Il-Kummissjoni żbaljat meta rrifjutat li tibbaża ruħha fuq analiżi komparattiva, li kienet twassal għall-konstatazzjoni ta' assenza ta' għajnuna lir-rikorrenti. Sussidjarjament, il-Kummissjoni naqset milli tagħti valur xieraq lis-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni, żbaljat meta ċaħdet ir-raġunament għad-deċiżjoni tal-ajruport li jinxtraw tali servizzi, żbaljat meta eskludiet il-possibbiltà li parti mis-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni setgħu nxtraw għal għanijiet ta' interess ġenerali, żbaljat meta qieset lill-amministratur tal-ajruport, is-Syndicat Mixte pour l'aménagement et le dévelopment de l'aéroport de Nîmes – Alès – Camargue – Cévennes (SMAN), u lill-kuntrattur privat tagħha VTAN bħala entità waħda, ibbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq data inkompleta u inadegwata għall-kalkolu tal-profitabbiltà tal-ajruport, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-esternalitajiet tan-netwerk li l-ajruport seta' jistenna li jikseb mir-relazzjoni tiegħu ma' Ryanair, u naqset milli tipparaguna d-data pprovduta mill-ajruport ma' dawk li huma tipikament relatati ma' ajruport immexxi tajjeb. Fi kwalunkwe każ, anki jekk kien hemm vantaġġ għar-rikorrenti, il-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi li l-vantaġġ kien selettiv.

5. Il-ħames motiv, ibbażat, sussidjarjament, fuq allegat ksur tal-Artikoli 107(1) u 108(1) TFUE, għaliex il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni u żball ta’ liġi meta kkonstatat li l-għajnuna lil Ryanair u lil Airport Marketing Services kienet ekwivalenti għat-telf marġinali akkumulat tal-ajruport (kif ikkalkolat mill-Kummissjoni) minflok għall-vantaġġ realment miksub minn Ryanair u minn Airport Marketing Services. Il-Kummissjoni messha eżaminat sa fejn l-allegat vantaġġ kien effettivament ingħadda lill-passiġġieri ta’ Ryanair. Barra minn hekk, hija naqset milli tikkwantifika kwalunkwe vantaġġ kompetittiv li bbenefikat minnu Ryanair permezz tal-allegata għajnuna u naqset milli tispjega b’mod adegwat għaliex kien neċessarju l-irkupru tal-ammont tal-għajnuna speċifikat fid-deċiżjoni sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni qabel l-għoti tal-għajnuna.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2016 – POA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-74/16)**

(2016/C 145/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pagkyprios organismos ageladotrofon (POA) Dimosia Ltd (Ċipru) (rappreżentati minn: N. Korogiannakis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni Ares(2015)5632670, tas-7 ta’ Diċembru 2015, tas-Segretarjat Ġenerali, li tiċħad l-applikazzjoni konfermatorja sottomessa mir-rikorrenti permezz tal-ittra tagħha bid-data tal-15 ta’ Settembru 2015, li fih ir-rikorrenti, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta’ Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3 p. 331) talbet aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta’ organizzazzjoni ta’ produttur Ċiprijott għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni “Halloumi” skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta’ Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012 L 343, p. 1), u

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż legali tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, billi straħet fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, naqqset milli tagħti spjegazzjonijiet xierqa għaliex proċess ta’ teħid ta’ deċiżjoni jista’ jidgħajjef b’mod serju mill-iżvelar tal-partijiet mhux żvelati.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta’ liġi billi motivi mogħtija mir-Repubblika ta’ Ċipru biex tirrifjuta l-iżvelar fuq il-bażi tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma humiex xierqa.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv u l-prinċipju ta’ trasparenza billi r-rifjut tar-Repubblika taċ-Ċipru biex tiżvela wħud mid-dokumenti f’riskju jimplika li r-rikorrenti ma hijiex f’pożizzjoni li tifhem is-suġġett ta’ kull dokument mhux żvelat.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq żball ta’ liġi billi Stat Membru ma jistax juża’ l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 biex jirrifjuta l-iżvelar ta’ dokumenti jekk id-deċiżjoni li tista’ tidgħajjef hija dik ta’ istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Frar 2016 minn Nicole Clarke, Sigrid Dickmanns u Elisavet Papathanasiou mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-15 ta' Diċembru 2015 fil-Kawżi Magħquda F-101/14, F-102/14 u F-103/14, Clarke *et* vs EUIPO**

**(Kawża T-89/16 P)**

(2016/C 145/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Nicole Clarke (Alicante, Spanja), Sigrid Dickmanns (Gran Alacant, Spanja) u Elisavet Papathanasiou (Alicante) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) fil-15 ta' Diċembru 2015 fil-Kawżi Magħquda F-101/14, F-102/14 u F-103/14;

— tiddeċiedi skont it-talbiet tar-rikorrenti ppreżentati f'kull proċedura;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura kollha, jiġifieri kemm l-ispejjeż marbuta mal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-UE kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-UE.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw erba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-klawżola ta' xoljiment inkluża fil-kuntratti tax-xogħol tal-appellanti kif ukoll tal-"protokolli ta' reintegrazzjoni" konklużi bejn l-EUIPO u l-appellanti, sa fejn il-kompetizzjonijiet inkwistjoni ma humiex il-kompetizzjonijiet "sussegwenti" fis-sens tal-klawżola ta' xoljiment.

2. It-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-klawżola ta' xoljiment inkluża fil-kuntratti ta' xogħol tal-appellanti, sa fejn il-kompetizzjonijiet preżenti ma jikkonċernawx il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-"proprjetà industrijali" li hemm riferiment għalih f'din il-klawżola u għaldaqstant ma jistgħux jinvokaw il-klawżola ta' xoljiment inkwistjoni.

   Fil-kuntest tal-ewwel żewġ aggravji, l-appellanti jallegaw li, fis-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TSP") interpreta skorrettament il-kliem, is-sens u l-finalità tal-klawżola ta' xoljiment, kif ukoll il-limitu u l-applikazzjoni *ratione temporis*;

3. It-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg").

   F'dan il-kuntest, l-appellanti jsostnu li, fis-sentenza appellata, it-TSP naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-"protokolli ta' reintegrazzjoni" iffirmati mill-EUIPO u mill-appellanti kienu jikkostitwixxu, kull wieħed bħala kuntratt vinkolanti, minn tal-inqas it-tieni tiġdid tal-kuntratti tax-xogħol tagħhom, li kellu jwassal, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, sabiex il-kuntratti ta' xogħol tal-appellanti jitqiesu bħala kuntratti għal żmien indeterminat.

4. Ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura u tal-prinċipju ta' aspettativi leġittimi

L-appellanti jsostnu li, fir-rigward tal-aspett dwar jekk l-EUIPO ssodisfax id-dmir ta' premura tiegħu jew osservax il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, it-TSP żbalja meta rrefera għad-data tar-reintegrazzjoni u mhux għad-data tal-iffirmar tal-klawżola ta' xoljiment, sa fejn kien biss wara disa' snin mill-iffirmar tal-klawżola ta' xoljiment li l-EUIPO organizza kompetizzjoni li kellha tiddetermina l-futur tal-karriera professjonali tal-appellanti.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2016 – Sheridan vs Il-Parlament**

**(Kawża T-94/16)**

(2016/C 145/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gavin Sheridan (Midleton, l-Irlanda) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew A(2015)13844 C, tal-14 ta' Jannar 2016, li tiċħad l-applikazzjoni għall-konferma għal aċċess tar-rikorrent għal ċerti dokumenti dwar informazzjoni fuq l-ispejjeż tal-vjaġġ, l-allowances ta' kuljum, l-allowances għall-ispejjeż ġenerali u l-ispejjeż għall-assistenza parlamentari tal-membri tal-Parlament Ewropew;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inkluż dawk tal-partijiet intervenjenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali mqajjma mir-rikorrent huma essenzjalment identiċi jew jixbhu dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-639/15, Psara vs Il-Parlament (ĠU 2016, C 48, p. 53).

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Frar 2016 – Kasztantowicz vs EUIPO – Gbb Group (GEOTEK)**

**(Kawża T-97/16)**

(2016/C 145/41)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Martin Kasztantowicz (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Ronneburger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gbb Group Ltd (Letchworth, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "GEOTEK" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 772 975

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' revoka

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2015 fil-Każ R 3025/2014-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u kif ukoll id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO tas-26 ta' Settembru 2014 (Deċiżjoni ta' revoka Nru 9014 C);

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tar-Regoli 57 u 65 tar-Regolament Nru 2868/95;

— Ksur tad-Deċiżjoni Numru EX-11-3 tal-President tal-EUIPO.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2016 – l-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-98/16)**

(2016/C 145/42)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, S. Fiorentino u P. Gentili, avvocati dello Stato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2015)9526 finali, tat-23 ta' Diċembru 2015, innotifikata fl-istess jum, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN) implementata mill-Italja favur BANCA TERCAS (Cassa di risparmio della provincia di Teramo S.p.A.);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat li, għotja ta' ammont totali ta' EUR 295,14 miljuni mogħtija lil Banca Tercas mill-Fondo interbancario di tutela dei depositi, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li tmur kontra l-Artikolu 108(3) TFUE u hija inkompatibbli mas-suq intern. Din l-għotja tirriżulta minn tliet miżuri distinti: Għotja mhux ripagabbli ta' EUR 265 miljuni (miżura 1), Garanzija ta' EUR 35 miljuni (b'element ta' għajnuna kalkolabbli ta' EUR 0,14 miljuni) mogħtija biex jiġu koperti r-riskji ta' kreditu ta' Banca Tercas fil-konfront ta' grupp imprenditorjali Taljan (miżura 2) u, fl-aħħar nett, għotja oħra mhux ripagabbli ta' EUR 30 miljuni, biex tkopri l-ispejjeż fiskali tal-operazzjoni (miżura 3).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u rappreżentazzjoni żbaljata tal-fatt, dwar in-natura pubblika tar-riżorsi li huma s-suġġett tal-miżuri inkwistjoni.

   — Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni tiżbalja billi tikklassifika r-riżorsi użati mill-Fondo interbancario di tutela dei depositi bħala riżorsi pubbliċi, billi ma tieħux inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Kawża C-354/02, Pearle *et* u tat-30 ta' Mejju 2013, Kawża C-677/11, Doux Èlevage.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1)TFUE u r-rappreżentazzjoni żbaljata tal-fatt, fir-rigward tal-imputabblità lill-Istat tal-miżuri kkontestati.

   — Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni tiżbalja billi tikkunsidra li l-miżuri kkontestati huma imputabbli lill-Istat, filwaqt li ma tieħux inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn jirriżultaw mid-deċiżjoni awtonoma ta' korp stabbilit bid-dritt privat, bħalma huwa l-Fondo interbancario di tutela dei depositi u li l-ebda awtorità pubblika ma eżerċitat ebda influwenza indebita jew pressjoni sabiex tingħata din id-deċiżjoni.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u rappreżentazzjoni żbaljat tal-fatt, fir-rigward tal-għoti ta' vantaġġ selettiv. Applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-MEIP.

   — Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni hij żbaljata billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni li l-miżuri kkontestati kienu, ukoll, konformi mal-hekk imsejjaħ kriterju tal-MEIP, filwaqt li kien jidher li kien ekonomikament opportun għall-Fondo interbancario di tutela dei depositi fir-rigward tax-xenarju alternattiv li kien iseħħ b'konsegwenza tal-istralċ ta' Banca Tercas.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(3)(b) u r-rappreżentazzjoni żbaljata tal-fatt, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-allegata għajnuna mill-Istat.

   — Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni, fl-aħħar nett żbaljat billi qieset inkompatibbli mas-suq intern il-miżuri kkontestati, anki kieku kellhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat.

---

**Rikors ippreżentat fit 8 ta' Marzu 2016 – Klausner Holz Niedersachsen vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-101/16)**

(2016/C 145/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Klausner Holz Niedersachsen GmbH (Saalburg-Ebersdorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Reich, C. Hipp u T. Ilgner, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tikkonstata li l-konvenuta kisret l-Artikolu 108 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sa fejn, wara l-ittra tar-rikorrenti tat-13 ta' Novembru 2015, hija naqset milli tadotta, skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, id-deċiżjoni prevista minn dawn id-dispożizzjoniijet dwar l-għeluq tal-proċeduri ta' eżami preliminari SA.37113 u SA.375009;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż, ukoll jekk ir-rikors kellu jsir mingħajr skop minħabba l-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' miżura matul il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku li permezz tiegħu hija ssostni li l-Kummissjoni ma adottatx f'terminu raġonevoli deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' eżami preliminari skont l-Artikolu 4(1) sa (4) tar-Regolament (UE) 2015/1589 ([1]), minkejja li hija kienet ġiet mistiedna sabiex tieħu azzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, p. 9).

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – Kozak vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-152/15)**

***(Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/293/14 — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li l-kandidat ma jiġix ammess għall-eżamijiet fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni — Talba għal eżami mill-ġdid — Deċiżjoni ġdida tal-Bord tal-Għażla li tikkonferma l-ewwel deċiżjoni tiegħu — Komunikazzjoni mill-EPSO ta' risposta motivata — Att purament konfermattiv — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Inammissibbiltà manifesta — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura)***

(2016/C 145/44)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Małgorzata Kozak (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: J. Łojkowska-Paprocka, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EPSO li r-rikorrenti ma tiġix ammessa għall-eżami ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni EPSO/AD/293/14.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *M. Kozak għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-5/16)**

(2016/C 145/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: O. Mader, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma terġax tikklassifika l-kuntratt tar-rikorrent bħala dak ta' membru tal-persunal temporanju jew, alternattivament, kumpens għad-dannu materjali subit.

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-9 ta' April 2015, dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratt tar-rikorrent u – fejn meħtieġ – id-deċiżjoni, tat-13 ta' Ottubru 2015 (R/513/15), li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

— alternattivament, tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa lir-rikorrent għad-dannu li huwa sofra minħabba ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal klassifikazzjoni mill-ġdid.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2016 – ZZ *et* vs SEAE**

**(Kawża F-6/16)**

(2016/C 145/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ *et* (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annulament tar-rendikonti ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti ta' Marzu 2015 kif ukoll dawk stabbiliti sussegwentement sa fejn dawn japplikaw id-deċiżjoni tas-SEAE li jitnaqqas l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja minn 15 % għal 10 %.

**Talbiet**

— tiddikjara d-deċiżjoni tad-direttur ġenerali amministrativ tas-SEAE tat-23 ta' Frar 2015 inapplikabbli għar-rikorrenti;

— konsegwentement, tannulla r-rendikont ta' remunerazzjoni tagħhom ta' Marzu 2015, u dawk stabbiliti sussegwentement sa fejn dawn japplikaw allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' 10 %;

— tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-7/16)**

(2016/C 145/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: C. Mourato, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-ammont tal-allowance kumpensatorja mħallsa lir-rikorrenti, li ġiet irreklutata taħt kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat irregolat bid-dritt Belġjan, u li tipprevedi l-irkupru tal-ammonti mħallsa żejjed.

**Talbiet**

— Prinċipalment, jannulla n-nota tad-9 ta' April 2015 tal-Kummissjoni (PMO) indirizzata lir-rikorrenti u r-rendikonti tar-remunerazzjoni li japplikawha sussegwentement u, sa fejn huwa neċessarju, in-nota tat-12 ta' Diċembru 2014 u r-rendikonti tar-remunerazzjoni fformulati sussegwentement, f'dak li jirrigwarda l-kalkolu mill-ġdid tal-allowance kumpensatorja tagħha ta' kull xahar, u iktar preċiżament:

  — in-nota tad-9 ta' April 2015 tal-Kummissjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, PMO/1 – Remunerazzjoni u ġestjoni tad-drittijiet individwali pekunjarji) lir-rikorrenti;

  — ir-rendikonti tar-remunerazzjoni 04/2014 sa 06/2015 tar-rikorrenti u rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti li jinkludu tnaqqis ta' EUR 208,30 (kodiċi DPN – Remboursement dett) u rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti;

  — in-nota preliminari tat-12 ta' Diċembru 2014 tal-Kummissjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, PMO/1 – Remunerazzjoni u ġestjoni tad-drittijiet individwali pekunjarji) lir-rikorrenti.

— Sussidjarjament, jannulla n-noti u r-rendikonti tar-remunerazzjoni sa fejn iwettqu tnaqqis applikat retroattivament mir-remunerazzjoni rċevuta mir-rikorrenti sad-9 ta' April 2015;

— Fi kwalunkwe każ, jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2016 – ZZ vs EMA**

**(Kawża F-8/16)**

(2016/C 145/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

*Konvenut:* L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għas-sena 2014 u d-deċiżjoni tal-1 ta' April 2015 tal-Awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju kif ukoll talba għad-danni bħala kumpens għad-dannu morali allegatament sostnut.

**Talbiet**

— tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu bejn is-16 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014, kif iffinalizzat fil-31 ta' Marzu 2015 mill-evalwatur ta' appell ("Assessor") u ffirmat mir-rikorrenti fl-14 ta' April 2015;

— tannulla d-deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti tal-1 ta' April 2015, li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti;

— tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet tal-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti tas-26 ta' Ottubru 2015, li jiċħdu ż-żewġ ilmenti tar-rikorrenti tat-30 ta' Ġunju 2015 kontra ż-żewġ deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq;

— tordna l-ħlas lir-rikorrenti tad-danni fl-ammont ta' EUR 10 000;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – ZZ *et* vs Il-Parlament**

**(Kawża F-9/16)**

(2016/C 145/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ *et* (rappreżentant: M. Casado Garcia-Hirschfeld, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjonijiet li jiċħdu lill-erba' rikorrenti l-għoti tal-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2014-2015 u għas-snin sussegwenti u l-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrenti l-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2015/2016, flimkien mal-interessi kkalkolati mid-dati li fihom dawn is-somom kienu dovuti skont l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjonijiet individwali kkontestati tal-24 ta' April 2015;

— jekk ikun hemm bżonn, jannulla d-deċiżjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew iddatati s-17 ta' Novembru u d-19 ta' Novembru 2015;

— jikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2015/2016 flimkien mal-interessi kkalkolati mid-dati li fihom dawn is-somom kienu dovuti skont l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

— jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Frar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-11/16)**

(2016/C 145/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: N. Lhoest, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tirrevedi l-grad mogħti lir-rikorrenti fi żmien it-trasferiment tagħha lill-Parlament Ewropew u li tibni mill-ġdid il-karriera tagħha kif ukoll il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas id-differenza bejn ir-remunerazzjoni mħallsa lir-rikorrenti u dik li għandha titħallas lilha wara l-bini mill-ġdid tal-karriera tagħha, flimkien mal-interessi moratorji.

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta’ April 2015, li tirrifjuta li tirrevedi l-grad tar-rikorrenti fi żmien it-trasferiment tagħha u li teżamina mill-ġdid il-karriera mal-Kummissjoni Ewropea matul il-perijodu mis-16 ta’ Ġunju 2001 sal-31 ta’ Diċembru 2010, minkejja l-promozzjoni mill-grad C4 (li sar AST 3) għall-grad C3 (li sar AST 4) li ngħatatilha mill-Parlament Ewropew fis-7 ta’ Awwissu 2009 b’effett retroattiv mill-1 ta’ Jannar 2000;

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-9 ta’ Novembru 2015, li tiċħad l-ilment ippreżentat mir-rikorrenti fis-17 ta’ Lulju 2015;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tħallas lir-rikorrenti d-differenza bejn ir-remunerazzjoni li ħallsitha u r-remunerazzjoni li għandha tħallasha wara l-bini mill-ġdid tal-karriera tagħha fi grad u fi skala, flimkien mal-interessi moratorji;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT